MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 97/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. I. Abdilla)**
**Vs**
**Josef Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil- perjodu ta’ bejn l- 1 ta’ Jannar, 2007 u l- 31 ta’ Marzu, 2007, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda,

1. b’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex iggighel titwemmen l- ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi

grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn Lm1,000.00 (illum Euro 2329.37) ghad- dannu tal- kumpanija P. Cutajar Limited u xi persuni ohra (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta);
2. Appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal- persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil- kapacita` tieghu ta’ salesman taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jeww li jsir uzu specifikat u cioe` appropja ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas- somma ta’ aktar minn Lm1,000 (illum Euro 2329.37), liema flejjes jappartjenu lill- kumpanija P. Cutajar Limited u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib meighu l- obbligu tar- radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju (dan bi ksur ta’ l- Artikoli 293, 294 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellat hat ital-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ sentejn (2), liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin.
Inoltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat lill-appellat biex jirrestitwixxi lill-parti offiza s-somma ta’ hames telef u sebgha w disghin Euro w disgha w sebghin Euro centezmu (€ 5097.79) fi zmien sitt (6) xhur.
Il-Qorti spjegat lill-appellat fi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu that l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta’ tieghu that l-artikolu 28H jekk ma jikkonformax ruhu ma’ l-ordni ta’ restituzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 t’April, 2008, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat kontra Josef Abela, w wara li terga’ ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, tinfliggi piena gdida ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti, fil-qosor, fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti naqset li tiehu kont tar-recidiva w kwindi ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena w l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ghamletx talba biex l-Ewwel Qorti tiehu r-recidiva in konsiderazzjoni ma kienx jeskludi li l-Ewwel Qortu kellha tikkonsidra dan il-fatt li ampjament jirizulta mill-atti tal-kawza w senjatament mill-fedina penali tal-appellat. Ghalhek l-Ewwel Qorti ma setghet qatt taghti sentenza sospiza ai termini tal-artikolu 28A peress li saret l-prova tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2008, li bih Dottor Roberto Montalto ghall-appellat eccepixxa n-nullita' tal-appell ghax l-aggravju mhux rifless fit-talba ghax fil-waqt li l-aggravju uniku tal-Avukat Generali huwa imsejjes fuq dikjarazzjoni ta' recidiva tal-appellat ommessa mill-Ewwel Qorti, t-talba li qed issir mill-Avukat Generali ma tinkludix talba sabiex l-appellat jigi dikjarat recidiv.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali,

Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tal-15 ta' Lulju, 2008;

Rat ir-Risposta tal-appellat tat-23 ta' Lulju, 2008;

Rat l-ordni taghha biex l-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari,

Ikkonsidrat;

Illi fin-nota taghha l-prosekuzzjoni ssottomettiet li skond il-gurisprudenza minnha citata r-ragunijiet biex ir-rikors tal-appell jista' jigi dikjarat null huma dawk biss elenkati fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali. F' dan il-kaz il-fatti fil-qosor gew inkluzi fir-rikors u effettivament jirriflettu tali fatti. Ir-rikors umbaghad jindika r-ragunijiet tal-appell b' mod dettaljat. Umbaghad saret debitament talba ghar-riforma tas-sentenza. Ghalhekk l-elementi kollha rikjesti mill-ligi huma inkluzi fir-rikors tal-appell odjern. Inoltre r-recidiva ma tistax titqies bhala akkuza fiha nnifisha izda hija addebitu w kwindi ma hemmx obbligu li titnizzel mal-akkuzi originali (allavolja dan ikun aktar felici ghall-fini ta' procedura) F' dan il-kaz il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali quddiem l-Ewwel Qorti w din kienet tirrifletti b' mod car sejbien ta' htija fuq reati ohra fit-terminu preskrittiv tal-ligi. Ladarba rrizultat htija fuq l-akkuzi migjuba, li ma kienux jikkomprendu r-recidiva peress illi din hija cirkostanzjali ghas-sejbien ta' htija w mhux akkuza fiha nnifisha, l-Ewwel Qorti kellha tiehu l-fattur tar-recidiva in konsiderazzjoni. Illi mbaghad il-prosekuzzjoni ccitat diversi awturi Taljani li jittrattaw in-natura tar-recidiva w li jghidu li din hi stat ta' fatt guridiku tal-akkuzat cirkostanzjali ghal jekk jinstabx hati jew le tal-akkuzi migjuba kontrieh u mhux bhala akkuza *per se.* Kwindi t-talba tal-Avukat Generali sabiex jigu konfermati l-akkuzi kif migjuba fl-istat originali huwa validu peres illi r-recidiva ma tistax titqies bhala akkuza ohra izda bhala cirkostanza tas-sejbien ta' htija. It-talba ghar-revoka tal-piena saret skond il-ligi peress li dik il-piena (ta' sentenza ta' prigunerija sospiza) ma setghetx tinghata minnhabba l-ezistenza tar-recidiva tal-appellat wara s-sejbien ta' htija tieghu wara l-ammissjoni tieghu. Ghalhekk in-nuqqas ta' dikjaratorja tar-recidiva fit-talba tal-appell ma tidhirx li hi necessarja biex ma jkunx hemm in-nullita' tal-appell, peress li l-iskop ewlieni ta' dan ir-rikors huwa li l-Qorti tinfliggi l-piena gusta, in vista tal-fatti cirkostanzjali tal-imputat appellat li rrizultaw mill-fedina penali tieghu.

Illi fin-nota tieghu l-appellat issottometta li ghalkemm jaqbel li r-recidiva hija addebitu w mhux imputazzjoni,

madankollu biex jiskattaw l-effetti tar-recidiva ghandu necessarjament ikun hemm dikjarazzjoni ta' qorti kompetenti li fil-fatt il-hati hu recidiv. Minghajr tali dikjarazzjoni fis-sentenza tal-qorti li qed isib htija, l-effetti taghha ma jistghu qatt jigu fis-sehh. Hemm analogija mal-procedura li tigi segwita quddiem il-Qorti Kriminali fejn fl-att tal-akkuza dejjem u invarjabbilment jigi mitlub mill-Avukat Generali li l-akkuzat jigi dikjarat recidiv. Ghalhekk quddiem din il-Qorti, fuq appell bhal dak odjern, din il-Qorti trid tiddikjara lill-hati bhala recidiv qabel ma tkun tista' tapplika fil-konfront tieghu l-effetti tar-recidiva. Ma saritx talba mill-prosekuzzjoni f' dan il-kaz biex din il-Qorti tiddikjara li l-appellat hu recidiv. Kif saret it-talba tigi li t-talba hi biex tigi konfermata s-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti hi prekluza milli tiddikjara l-appellat bhala recidiv. Jekk l-appellant qed jitlob konferma tad-dikjarazzjoni ta' htija liema dikjarazzjoni kienet interament ibbazata fuq l-ammissjoni tal-appellat, jigi li l-appellant qed jitlob li l-appellat jigi dikjarat hati fuq skorta tal-istess ammissjoni. Pero' dik l-ammissjoni saret fuq iz-zewg imputazzjonijiet kif originarjament migjuba kontra tieghu w zgur mhux fuq ir-recidiva peress li din ma gietx moghtija bhala addebitu tal-imputazzjoni originali. Ghalhekk din il-Qorti, bil-konferma tal-htija ta' l-istess zewg imputazzjonijiet fuq din l-ammissjoni, la tista' w lanqas qed tintalab biex tvarja jew tirriforma xejn.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sentenza recenti taghha fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Russell Bugeja"** [29.2.2008] din il-Qorti diversament preseduta mill-Prim' Imhallef Dr. V. DeGaetano rriteniet li :-

"*Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-*

*Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu l-massimi* ***interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat*** *u* ***benedicta est expositio quando res redimitur a destructione****…… ghall-finijiet ta' l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 ma hemmx ghalfejn li fit-talba tigi indikata d-disposizzjoni tal-ligi li tkun tikkontempla r-reat li l-appellant ikun qed jitlob li jigi liberat minnu jew, meta l-appell ikun tal-prosekuzzjoni, li tkun tikkontempla r-reat li tieghu l-Avukat Generali ikun qed jitlob li l-appellat jinstab hati tieghu. Dak li hu neccessarju hu li jkun hemm talba jew ghat-tahsir tas-sentenza, jew ghat-tibdil taghha, u f'din it-tieni ipotesi ghandu jigi indikat sew kif ikun qed jigi propost li s-sentenza tinbidel ossia tigi riformata jew varjata, fis-sens li ghandu jigi ndikat liema parti taghha ghandha tibqa' fis-sehh u liema parti ghandha tinbidel. Ir-rikors odjern jaghmel dan kollu. …... Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemm ebda nullita` fir-rikors ta' appell."*

Illi f' dan il-kaz, ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali jikkontjeni t-tlitt elementi rikjesti *ad validitatem* mill-ligi w cioe' l-espozizzjoni tal-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell jew l-aggravji kif ukoll it-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata. Ghalhekk ma tistax treggi l-eccezzjoni tan-nullita' sollevata mid-difiza.

Illi t-talba hija limitata ghal-varjazzjoni fil-piena w ghalhekk kien korrett l-Avukat Generali meta talab il-konferma tal-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat instab hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w bil-fors kellu jsir hekk. Dan pero' ma jipprekludix lil din il-Qorti milli tidhol fil-kwistjoni tal-piena kif qed tigi mitluba li taghmel mill-Prosekuzzjoni.

Ghalhekk f' dan il-kaz it-talba tal-Avukat Generali hija legalment u ritwalment korretta w ma kellhiex ghalfejn tigi preceduta minn talba ohra biex l-imputat appellat jigi dikjarat recidiv kif qed jippretendi l-appellat. S' intendi mbaghad sta ghall-Qorti biex fis-sentenza taghha dwar il-mertu tal-appell, tara w tikkonsidra jekk l-allegazzjoni tal-

Avukat Generali kontenuta fir-ragunijiet tal-appell minnu moghtija li l-appellat verament hux recidiv jew le, hix fondata jew le u, jekk iva, dan x' effett jista' jkollu fuq l-applikazzjoni tas-sentenza ta' prigunerija sospiza erogata mil-Ewwel Qorti. Imma dan mhux l-istadju li fih din il-Qorti tista' tidhol fil-mertu tal-appell u dan irid jigi deciz fis-sentenza dwar il-mertu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad il-pregudizzjali sollevata mill-appellat dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu fis-seduta tal-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------